MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 366/2006

**Kawża Nru: 27**

**Rikors Ġuramentat Nru: 366/06 JA.**

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-7 ta' Novembru, 2006 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-18 ta' Diċembru, 1999, u minn liema għaqda ma twieldu ebda tfal.

2. Illi l-konvenut ta l-kunsens tiegħu għall-kuntratt taż-żwieġ bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew oħrajn tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għal att taż-żwieġ, iżda għamel dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3. Illi l-kunsens tal-konvenut għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa tiegħu u/jew b'anomalija psikoloġika serja li jagħmilha impossibbli għall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara għar-raġunijiet premessi li ż-żwieġ bejn il-partijiet huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-13 ta' April, 2007 li permezz tagħha l-konvenut intimat espona bir-rispett:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-18 ta' Diċembru, 1999, u minn liema għaqda ma twieldu ebda tfal;

2. Illi l-konvenut jiċħad u jirrespinġi l-allegazzjonijiet attriċi bħala infodati fil-Liġi u fid-dritt u kull allegazzjoni miġjuba fil-konfront tal-konvenut fir-rikors attriċi għandha tiġi indirizzata lejn l-attriċi stess kif ser jiġu muri waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi għaldaqstant premess li l-konvenut jeċċepixxi li n-nullita' taż-żwieġ tirriżulta esklussivament għar-raġunijiet attribwabbli biss lill-attriċi jirrespinġi kull tentattiv mill-

attriċi, li jiġu intaxxati l-ispejjeż ta’ din il-kawża fil-konfront tiegħu.

Tant għandu l-Unur.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta’ l-attriċi u tal-konvenut.

Semgħet lill-partijiet in kontro-eżami.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Ġunju, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1999 a bażi ta’ l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenut kif ġia’ ingħad fil-waqt li qed jikkontesta t-talba attriċi, eċċepixxa wkoll li ż-żwieġ għandu jkun dikjarat null minħabba raġunijiet attribwibbli lill-attriċi.

Kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*F’materja ta’ żwieġ illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kolliżjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta’ żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero’ dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta’ dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*” (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

L-artikli ċitati mill-attriċi jirrigwardjaw;

19 (1) (f) – kunsens miksub bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew element essenzjali tiegħu;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

Mill-provi mressqa l-Qorti jidhrilha li dan iż-żwieġ għandu jkun dikjarat null minħabba diversi raġunijiet iżda prinċipalment is-sub-inċiż (f); għalkemm naturalment f'każ bħal dan il-Qorti trid tiġi konvinta sew. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta' Jannar, 2006);

"*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fondamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"

Il-kawżali ta' l-attriċi hija waħda u cioe' in-nuqqas ta' diskrezzjoni. Kif qalet il-Qorti fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995); "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awwissu, 1995). Madankollu hemm ukoll indikazzjoni li kif ġia'

ingħad, il-partijiet baqgħu għaddejjin tul l-għerusija mingħajr ma ntebhu li ż-żwieġ ma seta' qatt jirnexxi bejniethom.

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li; "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju irid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomlaija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi interni li jkunu neħħew il-liberta ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

F'dan il-każ l-attriċi kellha ħmistax (15) il-sena meta ltaqgħet mal-konvenut, illi kien *player* tal-futbol u kellu ħamsa u għoxrin (25) sena. Iżżewġu sentejn wara li ltaqgħu bir-rit Musulman billi l-konvenut iħaddan dan ir-reliġjon. Qabel iż-żwieġ taha x'tifhem li kien fi ħsiebu jkollu t-tfal, iżda wara ż-żwieġ kien jagħmel kull mezz biex dan ma jiġrix. Fil-fatt anke fl-istess affidavit tiegħu ammetta li ma riedx ikollu tfal minħabba li skond hu f'Malta hawn kultura differenti fir-relazzjoni bejn il-miżżewġin, u allura qal lill-attriċi li ma riedx ikollu tfal, u hi aċċettat. Il-Qorti tħoss li dan huwa verosimili u l-attriċi stess aċċettat is-sitwazzjoni. Dan pero' ma jfissirx li t-talba tagħha ma għandhiex tiġi milqugħa. Fil-fatt iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jixbhu ħafna lil dawk tal-kawża deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Anna Galea vs John Walsh fit-30 ta' Marzu, 1994 fejn il-Qorti spjegat maġistralment anke b'riferenzi għal-liġi kanonika, iċ-ċirkostanzi fejn il-volonta' li wieħed jeskludi t-tfal tammonta għal esklużjoni pożittiva kif indikata fil-Kapitlu 255.

**Għal dawn il-mottivi kollha l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' Diċembru, 1999. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------